**IL-ĦADD, 13.07.08**: il-Ħmistax-il Ħadd matul is-Sena.
Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja tkun għar-restawri

**IT-TNEJN:14.07.08: TĦEJJIJA SPIRITWALI GĦALL-FESTA**

Fis-**6.30p.m**. Rużarju, Quddiesa u Adorazzjoni mmexxija mid-Direttur tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla, Mons. Ewkaristiku Sultana.

**L-ERBGĦA, 16.07.08:** Tifkira ta' l-Imqaddsa Marija tal-Karmelu.

**Fis-7.00p.m.** Ċelebrazzjoni Penitenzjali bi tħejjija għall-Festa ta' Santa Margerita. Ikun hawn diversi konfessuri barranin għall-qrar.

**IL-ĦAMIS, 17.07.08: JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**Fis-7.00p.m**. quddiesa minn Mons. Anton Saliba bis-sehem taż-Żgħażagħ u jmexxi l-kant il-Grupp Strumentali taż-Żgħażagħ.

**Fit-7.45p.m. ĦRUĠ ta' l-ISTATWA ta' SANTA MARGEIRTA** min-niċċa.
Tieħu sehem il-Banda Santa Margerita.

**IL-ĠIMGĦA, 18.07.08: JUM L-GĦAQDIET KATTOLIĊI**

**Fis-7.00p.m.** Quddiesa minn Mons. Lawrenz Sciberras, bis-sehem ta' l-Għaqdiet Katoliċi tal-parroċċa.

**IS-SIBT, 19.07.08: JUM IT-TFAL**

**Lejliet il-Festa Liturġika ta' Santa Margerita.**

**Fil-10.30a.m.** quddiesa għat-Tfal li tkun immexxija minn Dun Anton Mizzi u wara jingħataw xi refreshments.

**Fil-4.45p.m.** Stephanie Spiteri u Christian Bugeja se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.
Nifirħulhom u Nawgurawlhom.

**Fis-6.30p.m.** Kant ta' l-Ewwel Għasar

**Fis-7.00p.m.** Quddiesa Kantata tas-Solennita' ta' Santa Margerita.



**IL-ĦADD, 20.07.08:
SOLENNITA' LITURĠIKA TA' SANTA MARGERITA V.M.
JUM IS-SAĊERDOTI, IR-RELIĠJUŻI U L-VOKAZZJONIJIET**

Illum isir talb għas-Saċerdoti, għar-Reliġjużi u għall-Vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna u fil-Knisja universali.

**Il-Ġabra** li ssir illum fil-knisja waqt il-quddies tkun għall-Festa ta' Santa Margerita.

**Fit-8.30a.m.** se jsir t-tberik ta' l-Annimali fil-Pjazza ta' Triq l-Isqof Cocco Palmeri, organizzat mill-Kunsill Lokali.

**GABRA MISSJONI FIL-GWATEMALA**

Nixtieq nirringrazzja lil kulħadd, tal-Ġabra li saret waqt il-quddiesa mmexxija minn Dun Guzepp Camilleri, għall-missjoni tiegħu ġewwa l-Gwatemala. Is-somma miġbura kienet 735 Ewro.

**BILJETTI GĦALL-IKLA**

Il-ftuħ għall-Biljetti għall-Ikla Tradizzjonali tal-Festa se jkun nhar il-Ħamis, 17 ta' Lulju, mit-8.30a.m. 'l quddiem mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**IN-NOVENA**

Nhar il-Ħamis nibdew in-Novena bi tħejjija spiritwali għall-Festa tal-Patruna tagħna. Nagħmel appell biex kulħadd jattendi għall-funzjoni u nagħmlu xi talb speċjali lil Santa Margerita.